

Brussell, 30 ta' Novembru 2017
(OR. en)

15175/17

LIMITE

FISC 320
ECOFIN 1064

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14843/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali"
	• Adozzjoni

1. Il-Presidenza ħadet l-inizjattiva li tniedi diskussjoni dwar l-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali fil-laqgħa tal-4 ta' Lulju 2017 tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' taxxa (minn hawn 'il quddiem il-"HLWP").
2. Wara l-appoġġ tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza nediet diskussjonijiet tekniċi ta' segwitu fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (minn hawn 'il quddiem il-"WPTQ") dwar il-kunċett tal-istabbiliment permanenti virtwali, id-dettalji speċifiċi tal-ekonomija kollaborattiva u l-valutazzjoni tad-data għal finijiet ta' taxxa. Dawn il-kwistjonijiet kienu diskussi aktar fil-laqgħa informali tal-Kunsill ECOFIN tas-16 ta' Settembru 2017 f'Tallinn.
3. Din l-inizjattiva tat bidu għal għadd ta' żviluppi paralleli:
 - a) Fit-13 Settembru 2017, fil-kuntest tad-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-President Juncker bagħat ittra ta' intenzjoni lill-President Tajani u lill-Prim Ministru Estonjan Ratas fejn ħabbar proposta leġislattiva għar-rebbiegħa tal-2018 għall-istabbiliment ta' regoli fil-livell ta' UE li jippermettu t-tassazzjoni fuq il-profitti ġġenerati permezz tal-ekonomija diġitali minn intrapriżi multinazzjonali;

- b) Għaxar ministri għall-finanzi tal-UE flimkien iffirmaw dikjarazzjoni politika (għal inizjattiva konġunta dwar it-tassazzjoni ta' kumpanniji li joperaw fl-ekonomija diġitali) li appoġġat soluzzjonijiet effettivi u kompatibbli mad-dritt tal-UE msejsa fuq il-kunċett tal-istabbiliment tal-hekk imsejħa taxxa ta' ugwalizzazzjoni fuq il-fatturat iġġenerat fl-Ewropa mill-kumpanniji diġitali;
 - c) Fil-21 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar "Sistema tat-Taxxa Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea għas-Suq Uniku Diġitali" (dok. 12429/17).
4. Il-Presidenza u l-Kummissjoni informaw lill-ministri dwar l-iżviluppi msemmiha hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-10 ta' Ottubru 2017.
5. Fl-aħħar nett, fid-19 ta' Ottubru 2017, wara s-Summit Diġitali tad-29 ta' Settembru 2017 f'Tallinn, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet (dok. EUCO 14/17) li ssottolinjaw il-ħtieġa ta' "*sistema effettiva u ġusta ta' tassazzjoni li hija adegwata għall-era diġitali*".
6. F'dan il-kuntest, fil-laqgħa tal-HLWP tas-27 ta' Ottubru 2017 il-Presidenza ppreżentat l-ewwel abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali", b'objettiv maqsum fi tlieta:
- a) kontribut fid-diskussjonijiet paralleli tal-OECD dwar ir-rapport interim li jmiss tagħhom lill-ministri għall-finanzi tal-G20 (April 2018);
 - b) segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmija hawn fuq; u
 - c) gwida lill-Kummissjoni qabel il-proposta leġislattiva tagħha (mistennija għal kmieni fl-2018).
7. Dan l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ġie mbagħad diskuss fil-laqgħa tal-WPTQ tat-8 ta' Novembru, fil-laqgħat tal-Attachés Fiskali tat-13 u l-20 ta' Novembru, kif ukoll fil-laqgħa tal-HLWP tat-23 ta' Novembru 2017.
8. Fil-laqgħa tal-COREPER tad-29 ta' Novembru 2017, id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil dwar l-aħħar abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill (dok. 14769/17).

II. IL-PASSI LI JMISS

9. Għalhekk qed ikun issuġġerit li l-Kunsill ECOFIN ta' Diċembru jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet kif jidhru fl-anness għal din in-nota.
-

(Abbozz ta') konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**“Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali”**

Il-Kunsill:

1. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017, li enfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ “olistiku” biex jindirizza l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni u juża l-opportunitajiet li ġejjin mir-raba' rivoluzzjoni industrijali;
2. JILQA' d-diskussjonijiet reċenti dwar dan is-suġġett fl-ECOFIN informali u fis-Summit Diġitali f' Settembru 2017, kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2017 dwar “Sistema tat-Taxxa Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea għas-Suq Uniku Diġitali” (dok. 12429/17), li fost l-oħrajn tkompli tibni fuq ir-rapport ta' Mejju 2014 tal-grupp ta' esperti tagħha dwar it-Tassazzjoni tal-Ekonomija Diġitali;
3. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017 (dok. EUCO 14/17), li:
 - a) issottolinjaw il-ħtieġa ta' sistema effettiva u ġusta ta' tassazzjoni li hija adegwata għall-era diġitali;
 - b) enfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat li l-kumpaniji kollha jħallu s-sehem ġust tagħhom mit-taxxi u li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti globali ta' kompetizzjoni f'konformità mal-ħidma tal-OECD li għaddejja bħalissa; u
 - c) stiednu lill-Kunsill biex ikompli bl-eżami tiegħu tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni u stennew b'interess proposti xierqa mill-Kummissjoni sa kmieni fl-2018;
4. JINNOTA li l-implimentazzjoni tal-punti ta' azzjoni tal-OECD għall-BEPS mistennija li tindirizza sostanzjalment il-kwistjonijiet tal-BEPS aggravati mill-ekonomija diġitali u JINKORAĠĠIXXI li jibqgħu jiġu implimentati fil-pajjiżi kollha u, fejn xieraq, fil-livell tal-UE;

5. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida li fadal biex jiġi żgurat li r-regoli internazzjonali tat-taxxa huma adatti kemm għas-setturi tal-ekonomija diġitali kif ukoll għal dawk aktar tradizzjonali, liema sfida mhix biss l-evitar u l-evaljazzjoni tat-taxxa, u JISĦAQ fuq l-urġenza li jiġu salvagwardjati l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif ukoll li jiġi żgurat li n-negozji tal-ekonomija diġitali jħallu s-sehem ġust tagħhom mit-taxxi fil-ġurisdizzjoni t-tajba, sabiex in-negozji kollha jkollhom kondizzjonijiet indaqs għat-tkabbir u l-iżvilupp fis-suq intern;
6. ITENNI l-oġġettiv tal-politika tat-taxxa li tiżgura li l-kumpanniji li joperaw fl-UE jħallu t-taxxa fejn jinholq il-valur, f'konformità mal-prinċipju ta' distakkament u l-impenn tagħha għall-prinċipji tat-tassazzjoni internazzjonali, u JISSOTTOLINJA l-importanza tal-eżami tal-proċessi tal-ħolqien tal-valur u tal-ġenerazzjoni tal-profitti mill-ekonomija diġitali, li bħalissa jitwettaq mill-OECD, bil-għan li jitfasslu reazzjonijiet politiċi adegwati;
7. JIRRIAFFERMA l-importanza li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri rigward il-konklużjoni ta' konvenzjonijiet għall-evitar tat-taxxa doppja;

L-opportunitajiet u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni

8. JENFASIZZA l-impatt ekonomiku pożittiv tal-innovazzjoni marbut mad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-ħtieġa li dan il-potenzjal straordinarju ta' tkabbir ma jiddgħajjfx;
9. JAQBEL li d-diġitalizzazzjoni agħixxiet bħala faċilitatur u aċċelleratur tal-kummerċ transfruntier u, fuq livelli differenti, affettwat l-ekonomija kollha permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi avvanzati bħall-cloud computing, big data, ir-robotika, jew il-broadband b'veloċità għolja;
10. JINNOTA li l-kunċett tal-istabbiliment permanenti, flimkien mar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment u tal-attribuzzjoni ta' profitti, jibqa' wieħed mill-prinċipji essenzjali għall-allokazzjoni globali tad-drittijiet ta' tassazzjoni fuq il-profitti;
11. Madankollu, JOSSERVA li dan il-kunċett, li jiffoka fuq il-preżenza fiżika, ġie kkontestat bl-avvanz tal-ekonomija diġitali, li tibbaża ruħha fuq il-preżenza diġitali, u li f'ċerti sitwazzjonijiet wassal għal allinjament ħażin bejn fejn il-profitti huma taxxabbli u fejn jinholq il-valur;

12. IQIS li n-nuqqas ta' preżenza fiżika ta' negozju, minn ġurisdizzjoni li fiha jkun qed iwettaq attivitajiet sinifikanti, m'għandux fih innifsu ma għandux iżommu milli jkun soġġett għat-taxxa fuq il-profitti tiegħu ġġenerati f'dik il-ġurisdizzjoni, sakemm tintuża rabta xierqa għalih li tirrifletti l-ħolqien tal-valur, b'kont meħud tal-prinċipju ta' distakkament;

Ir-reviżjoni tar-regoli tat-taxxa internazzjonali

13. JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, l-urġenza għal qbil dwar reazzjoni ta' politika dwar it-taxxa għall-isfidi diretti tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali fil-livell internazzjonali;
14. JISSOTTOLINJA li definizzjoni li tkun aċċettata globalment għal stabbiliment permanenti u r-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment u l-attribuzzjoni ta' profitti marbuta miegħu għandha tibqa' ċentrali meta jiġu indirizzati l-isfidi ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-ekonomija diġitali;
15. JENFASIZZA l-prinċipju tan-newtralità tat-taxxa li skontu l-ġhażliet fir-rigward tal-politika dwar it-taxxa u r-regoli tat-taxxa għandhom jipprevedu trattament simili għal sitwazzjonijiet li jixxiebhu;
16. HUWA TAL-FEHMA li l-isfidi li ġġib magħha l-ekonomija kollaborattiva fil-qasam tat-taxxa korporattiva ser ikunu koperti mill-ġhażliet ta' politika ġenerali previsti f'dawn il-konklużjonijiet;
17. HUWA TAL-FEHMA li jenħtieġ li tiġi studjata rabta xierqa għal negozju fil-forma ta' stabbiliment permanenti virtwali, flimkien ma' kwalunkwe emenda korrispondenti meħtieġa għar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment u l-attribuzzjoni ta' profitti, li tiegħu kont ta' fejn inħoloq il-valur fil-mudelli tan-negozju differenti tal-ekonomija diġitali;
18. IQIS li r-rilevanza u l-fattibbiltà tal-elementi possibbli għal din ir-rabta xierqa, bħal dawk imsemmija fir-rapport tal-OECD dwar il-BEPS rigward l-Azzjoni 1 (ibbażati fuq id-dħul, ibbażati fuq l-utenti u fatturi diġitali), jistgħu jiġu studjati aktar;
19. JENFASIZZA l-importanza ta' data varja, inkluż data dwar l-utent, għall-ħolqien tal-valur mill-ekonomija diġitali fil-ġenerazzjoni tal-profitti u JTENNI l-ħtieġa li jitqies u jiġi evalwati r-rwol tad-data fil-kuntest tar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferimenti u l-attribuzzjoni tal-profitti;

20. JINKORAĠĠIXXI lill-pjattaformi u lill-postijiet tas-swieq diġitali biex jirrapportaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet tat-taxxa xierqa, kif ukoll lill-ġurisdizzjonijiet biex jiskambjaw din l-informazzjoni f'konformità mar-regoli tat-taxxa internazzjonali, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-OECD biex jesploraw aktar l-ostakli marbuta ma' din il-kooperazzjoni għal konformità mar-regoli tat-taxxa, u l-possibbiltajiet li toħloq, inkluż fl-ekonomija kollaborattiva;

Appell għal azzjoni globali

21. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-kumpanniji kollha jħallu s-sehem ġust tagħhom mit-taxxi u li globalment ikun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u, f'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIXXI kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE, l-OECD u sħab oħra internazzjonali fir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali;
22. IĦEĠĠEĠ lill-OECD biex issib soluzzjonijiet xierqa għat-titjib tan-netwerk globali tal-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja, timmodifika l-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tagħha u l-kummentarji ta' miegħu, kif ukoll il-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u l-Gwida dwar l-Attribuzzjoni ta' Profitti għal Stabbilimenti Permanenti, sabiex tindirizza dawn l-isfidi globali, b'kont meħud tal-paragrafi 13 u 19 ta' dawn il-konklużjonijiet;

Azzjoni fil-livell tal-UE

23. JOSSERVA li r-ritmu li bih l-ekonomija qed tiddiġitalizza u n-nuqqas ta' kunsens internazzjonali dwar il-modernizzazzjoni tar-regoli tad-distribuzzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni qed iwasslu għal azzjonijiet unilaterali, li qed iżidu t-tilwim dwar it-taxxa doppja bejn l-Istati Membri u b'hekk qed jiddgħajjef is-suq intern;
24. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex waqt li tirreaġixxi għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali tiegħu kont tal-paragrafi 13 u 20 ta' dawn il-konklużjonijiet, u, madankollu, filwaqt li JIEĦU NOTA tal-interess muri minn ħafna Stati Membri għal miżuri temporanji, bħal pereżempju imposta ta' ugwalizzazzjoni bbażata fuq id-dħul minn attivitajiet diġitali fl-UE li jibqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja konklużi mill-Istati Membri, IQIS li dawn il-miżuri jistgħu wkoll jiġu vvalutati mill-Kummissjoni;

25. Filwaqt li jisħaq fuq il-preferenza tiegħu għal soluzzjoni globali, JISTENNA B'INTERESS il-proposti xierqa mill-Kummissjoni sa kmieni fl-2018, b'kont meħud tal-iżviluppi rilevanti fil-ħidma li għaddejja tal-OECD u wara valutazzjoni tal-fattibbiltà legali u teknika kif ukoll tal-impatt ekonomiku tar-reazzjonijiet possibbli għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali;
26. JAGĦMEL ĦILTI li jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi futuri internazzjonali u jqis reazzjonijiet xierqa.
-